MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 727/2002/2

**Mark u martu Maria Victoria Sammut**

**vs**

**John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Antonia *sive* Tania mart Raymond Pickard u Christopher Hayman fil-kwalita` taghhom ta' eredi tal-mejjet Nutar Dottor John Patrick Hayman, u b' digriet tad-29 ta' Jannar, 2003 gie kjamat fil-kawza Edmond Mugliette, u permezz ta' digriet tal-5 ta' Marzu, 2003 l-atti tal-kawza gew trasfuzi f' isem Raymond Pickard ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-mewt ta' martu Antonia *sive* Tania Pickard**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta' Mejju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat illi b'avvizipprezentat fit-28 ta' Novembru, 2002 l-atturi talbu lil Qorti sabiex il-konvenuti jigu ikkundannati jirrifondu lill-atturi s-somma ta' elfejn tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm2,840), li l-istess atturi kienu hallsu lill-mejjet Nutar Dottor John Patrick Hayman permezz ta' cekk tal-Bank of Valletta plc numru 536 datat 3 ta' Novembru, 2000 (Dok. A) b'istruzzjonijiet specifici biex hu jhallas il-bilanc tas-self kollu li ghandhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (kont numru 31507303017), liema hlas effettivament qatt ma sar lill-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mad-danni konsistenti f'imghaxijiet li ghadhom qieghdin jiddekorru u jithallsu mill-atturi lill-Bank of Valletta p.l.c. in konnessjoni mas-self indikat, li sad-data ta' dan l-att jammontaw ghal mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121), oltre l-imghaxijiet ulterjuri dovuti lill-istess Bank sad-data tal-effettiv pagament tas-self.

Bl-imghaxijiet legali mill-11 ta' Lulju, 2001 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-13 ta' Gunju, 2001 u tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju, 2001 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenutiipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Jannar, 2003, liema eccezzjoni tghid illi t-talba kif kontenuta fl-avviz in kwantu diretta kontra l-eccipjenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez peress illi c-cekk in kwistjoni effttivament issarraf minn certu Edmond Mugliette li indebitament approprja ghalih innifsu l-imsemmi cekk, u ghalhekk dan ghandu jigi kjamat fil-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghad-29 ta' Jannar, 2003 duddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Jannar, 2003 fejn id-difensur tal-konvenuti talab li jigi kjamat fil-kawza Edmond Mugliette. Id-difensur ta’ l-atturi ma oggezzjonax u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-rikors tal-konvenut Raymond Pickard f’ismu proprju u bhala legittimu rapprezentant ta’ bintu minuri Elaine ipprezentat fl-4 ta’ Marzu, 2003 u li permezz tieghu huwa talab li l-atti jigu trasfuzi f’ismu stante li martu l-konvenuta Antonia sive Tania Pickard kienet mietet.

Rat id-digriet taghha datat 5 ta’ Marzu, 2003 fejn l-Qorti laqghet it-talba.

Rat li fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru, 2003 deher quddiem il-Qorti l-kjamat fil-kawza Edmond Mugliette u tramite d-difensur tieghu Dr. Stefan Frendo talab li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u ikkoncedietlu 20 gurnata ghal dan il-ghan.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza ipprezentata fil-5 ta’ Novembru, 2003 u li permezz taghha huwa ecepixxa (1) illi m’ghandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali jew fiducjarja, jew mod iehor mal-atturi u li mhux debitur la tal-atturi u lanqas tal-konvenuti u ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-konvenuti u (2) illi kif se jirrizulta mill-provi l-eccipjent kellu relazzjoni ta’ kreditur mal-mejjet Nutar John Hayman u kien ircieva pagamenti minghand in-Nutar biex dan il-kreditu jigi mnaqqas u mhallas.

Rat is-sentenza ta’ din il-Qorti, kif diversament ippreseduta, datata 13 ta’ Ottubru, 2004 fejn din il-Qorti akkoljiet it-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u irrespingiet l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u ghar-ragunijiet premessi ikkundannat lill-kjamat in kawza Edmond Mugliette sabiex jirrifondi lill-atturi Mark u martu Maria Victoria

Sammut l-ammont ta’ elfejn tmien mija u erbghin liri Maltin (Lm2,840), kif dedotti fl-avviz odjern, bl-imghaxijiet dovuti u bl-ispejjez.

Rat illi minn din is-sentenza kien sar appell.

Rat is-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) datata 8 ta’ Gunju, 2005 u li permezz taghha dik l-istess Qorti iddikjarat nulla s-sentenza ta’ din il-Qorti tat-13 ta’ Ottubru, 2004 u irrimettiet l-process lill-Ewwel Qorti sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza skond il-ligi.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti, kif diversament preseduta, datat 11 ta’ Lulju, 2005 u li permezz tieghu wara li rat l-artikolu 734(1)(d)(ii) u 740 tal-Kap. 12 astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz u ordnat li l-atti jintbaghatu lir-Registratur ta’ dawn il-Qrati biex il-kaz jigi riassenjat skond il-ligi.

Rat il-verbal tal-4 ta’ Novembru, 2005 fejn il-partijiet iddikjaraw illi kull ma kien jonqos kien it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta’ Mark Sammut moghtija fis-seduta tas-17 ta’ Frar, 2004.

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet datata 8 ta’ Novembru, 2005 u li permezz taghha giet esebita t-traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta’ Mark Sammut moghtija fis-17 ta’ Frar, 2004.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta nhar l-1 ta’ Frar 2007 u b’digriet taghha tal-14 ta’ Frar, 2007 kienet ordnat il-partijiet u l-konsulenti taghhom sabiex jidhru quddiemha u jaghmlu s-sottomissjonijiet finali taghhom sabiex b’hekk din il-Qorti tkun tista tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi migbura.

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Frar, 2007 fejn il-Qorti iddikjarat illi mill-atti processwali, irrizulta illi x-xhieda moghtija mill-attur Mark Sammut fis-17 ta’ Frar, 004 ma tinstabx fil-process u

ghaldaqstant ordnat li kopja ta' din ix-xhieda tigi inserita fil-process kemm jista jkun malajr u dan sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni li taghti s-sentenza.

Rat in-nota datata 23 ta' April 2007 ipprezentata mill-konvenuti u li permezz taghha ezebew kopja ta' tali deposizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' April 2007 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

1. Il-fatti kif jirrizultaw mill-atti tal-kawza huma s-segwenti:

i. L-atturi kienu bieghu garaxx li kellhom gewwa l-Mellieha u dan permezz ta' kuntratt datat 3 ta' Novembru, 2000. Dan il-kuntratt gie ippubblikat min-Nutar Dr. John Patrick Hayman

ii. Illi fuq dan il-garaxx, l-atturi kien ghad fadallhom jaghtu lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' elfejn tmien mija u erbghin liri Maltin (Lm2,840).

iii. Illi qabel ma sar dan il-bejgh, l-atturi kienu talbu lill-istess Bank of Valletta plc sabiex jikkancella l-ipoteka li kienet irregistrata favur il-Bank. Di fatti l-Bank, b'ittra datata 24 ta' Ottubru, 2000 u mibghuta lill-istess atturi, kien qabel li huwa jikkancella l-Ipoteka numru I 5794/1994 basta li jigi saldat fl-intier tieghu l-kont numru 31507303017 (Ara d-dokument immarkat bhala Dok. MS a fol. 52 tal-process).

iv. Effettivament din l-ipoteka giet kancellata u l-atturi taw cekk lin-Nutar John Patrick Hayman fl-ammont ta' Lm2,840 "b'istruzzjonijiet specifici li jghaddih lill-Bank" (ara affidavit ta' l-attur a fol. 50 tal-process). Meta l-attur staqsa lin-Nutar Hayman jekk huwa kellux jindirizza dan ic-cekk fuq isem il-Bank of Valletta plc, huwa gie infurmat mill-istess Nutar sabiex "naghmlu f'ismu biex jaghmlu fil-

clients account. Qalli hekk biex ma noqghodx immur fuq il-bank imbaghad jiskwerja kollox hu" (ara fol. 96 tal-process).

v. L-attur, ghal diversi xhur wara li kien sar dan il-kuntratt tat-3 ta' Novembru, 2000 baqa jcempel lill-imsemmi Nutar jew lis-segretarja tieghu sabiex jara l-ghala dan l-istess cekk ma kienx gie imsarraf.

vi. Meta l-attur kien ikellem lin-Nutar Hayman, u dan kien jghidlu sabiex ma joqghodx jinkwieta l-ghaliex "ic-cekk li kont tajtu kien qieghed fl-akkont tal-klijenti tieghi". In-Nutar Hayman kien qallu ukoll "biex ma ninkwetax ghaliex kien assigurani li kemm-il darba nhallas iktar mill-ammont li jien kelli nhallas lil Bank of Valletta kien jirrifondili kollox" (ara fol. 96 tal-process). Meta imbaghad l-attur kien informa lin-Nutar Hayman illi dan ic-cekk ma kienx issarraf u huwa xorta baqa jhallas il-pagamenti mensili dovuti lill-Bank of Valletta plc "hu kien jassigurani illi kollox kien ha jimxi sew u l-posizzjoni tieghi kienet ser tkun tutelata tajjeb" (ara fol. 96 tal-process).

vii. Sadanitant, l-atturi baqghu jhallsu s-self li kellhom mal-Bank of Valletta "f'pagamenti mensili, b'direct credit, kif ghadni naghmel sal-lum" (ara affidavit ta' l-attur a fol. 50 tal-process).

viii. L-atturi ghalhekk gew li huma, baqghu jhallsu lill-Bank of Valletta plc is-somma ta' flus dovuta minnhom kull xahar, fuq is-self li kienu hadu originarjament, oltre l-imghaxijiet li baqghu ghaddejjien.

ix. Ic-cheque li kien inghata lin-Nutar Hayman fit-3 ta' Novembru, 2000 fl-ammont ta' Lm2,840 issarraf fil-fergha ta' Birkirkara tal-Bank of Valletta plc nhar it-2 ta' Mejju, 2001 u dan xi ftit granet wara li kien miet in-Nutar Hayman.

x. Minkejja li dan ic-cekk issarraf, xorta baqghu jitnaqqsu l-pagamenti mensili dovuti mill-atturi lill-istess Bank of Valletta plc.

xi. Wara li ghamel il-verifiki tieghu, l-attur gie mgharraf illi dan ic-cekk fl-ammont ta’ Lm2,840 gie imsarraf mill-kjamat in kawza Edmond Mugliette. L-attur effettivament kien ikkomunika ma Mugliette u dan ta’ l-ahhar kien ikkonfermalu li kien hu li sarraf dan ic-cekk personalment (ara fol. 97 tal-process).

xii. Meta l-attur kellem lill-kjamat in kawza, dan ta’ l-ahhar infurmah illi dan ic-cekk kien gie girat fuq ismu “peress li n-Nutar Hayman kellu jaghtih il-flus”(ara affidavit ta’ l-attur a fol. 51 tal-process). L-attur jghid ukoll illi l-kjamat in kawza kien infurmah li “n-Nutar Hayman kellu jaghtih xi flus u thallas bihom” (ara fol. 97 tal-process).

xiii. L-attur spjega lill-kjamat in kawza illi dan ic-cekk kien inhareg sabiex “in-Nutar Hayman ihallas il-loan tieghi bih” u l-istess kjamat in kawza wiegbu li “hu kien lest li jirritorna dawn il-flus lili dakinhar stess” (ara affidavit ta’ l-attur a fol. 51 tal-process). Gara pero li ftit tal-hin qabel ma kellhom jiltaqghu l-attur u l-kjamat in kawza, dan ta’ l-ahhar cempel lill-attur u infurmah li ma kienx dispost li jaghmel dak li kienu qablu dwaru. Infurmah pero li huwa kien lest li jaghti dawn il-flus lill-atturi “bil-patt li l-eredi tan-Nutar Hayman jirrifondu lura lilu dawn il-flus” (ara affidavit ta’ l-attur a fol. 51 tal-process). Dan id-diskors semghetu ukoll l-attrici (ara affidavit ta’ l-istess attrici a fol. 54 tal-process).

xiv. Il-konvenut John Patrick Hayman, li jigi missier in-Nutar Hayman, stqarr illi huwa ma kienx jaf lill-atturi qabel ma inbdew dawn il-proceduri u meta l-attur kien cempillu sabiex jinfurmah x’kien gara u cioe li l-kjamat in kawza kien sarraf dan ic-cekk, huwa qallu sabiex ikellem lill-istess Migliette, u cioe lill-kjamat in kawza.

xv. Il-konvenut Hayman ghalkemm jghid illi l-firma li hemm fuq id-dokument immarkat bl-ittra “A” a fol. 2 tal-process tixbah hafna lill-firma tan-Nutar Hayman, huwa ma jistax jahlef dwar dan.

xvi. L-attur fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti nhar is-17 ta’ Frar, 2004 stqarr ukoll li huwa jaf li cekk jista jigi girat

2. L-atturi, permezz ta’ l-avviz imressaq minnhom qeghdin jitolbu sabiex (a) huma jigu rifonduti fl-ammont ta’ Lm2,840 u (b) jinghataw id-danni konsistenti f’imghaxijiet in konnessjoni mas-self li huma kienu hadu minghand il-Bank of Valletta plc u li sad-data tal-prezentata ta’ l-att kienu jammontaw ghal Lm121 oltre l-imghaxijiet ulterjuri dovuti lill-istess Bank sad-data tal-effettiv pagament.

3. Illi l-konvenuti qeghdin da parti taghhom jghidu li huma ma ghandhom jaghtu xejn lill-atturi, u li dawn l-ammonti kellhom jithallsu mill-kjamat in kawza Edmond Mugliette stante li dan indebitament approprja ghalih innifsu l-imsemmi cekk.

4. Il-kjamat in kawza qieghed isostni li huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni kontrattwali jew fiducjarja mal-atturi u li huwa mhux debitur la tal-atturi u lanqas mal-konvenuti u ghalhekk talab li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-kjamat in kawza ippremetta ukoll illi huwa kellu relazzjoni ta’ kreditur man-Nutar Hayman u li kien ircieva pagamenti minghand in-Nutar sabiex dan il-kreditu jigi mnaqqas u mhallas.

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti hawn fuq riportati jirrizulta illi bejn il-kjamat in kawza u l-atturi ma kien hemm l-ebda vinkolu kuntrattwali u dan fis-sens illi l-partijiet ma

kienux jafu lil xulxin u li saru hekk jafu b'xulxin meta effettivament l-attur ghamel il-verifiki tieghu dwar min kien sarraf ic-cekk li huwa kien ghadda lin-Nutar Hayman, wara li l-istess Nutar Hayman kien miet. Kif inghad diga, l-attur kien skopra li dan ic-cekk gie imsarraf mill-kjamat in kawza.

Il-konvenuti gew imharrka f'din il-kawza fil-kwalita taghhom ta' eredi tal-mejjet Nutar Dottor John Patrick Hayman. Dan il-fatt, u cioe li l-konvenuti kienu l-eredi tan-Nutar Dr. John Patrick Hayman qatt ma gie ikkontestat mill-istess konvenuti, la fin-nota ta' eccezzjonijiet taghhom u lanqas fix-xhieda. Ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li l-konvenuti huma effettivament l-eredi tal-mibki Nutar Dr. John Patrick Hayman.

Illi l-istess konvenuti qeghdin jghidu li huma ma ghandhomx jaghtu dawn il-flus lill-atturi u dan "peress illi c-cekk in kwistjoni effettivament issarraf minn certu Edmond Mugliette li indebitament approprja ghalih innifsu l-imsemmi cekk". Kien jispetta lill-konvenuti sabiex huma juru permezz tal-provi, li l-kjamat in kawza kien approprja ruhhu indebitament minn dan ic-cekk in kwistjoni. "Dwar dan il-punt pero ma hemm provi ta' xejn. Il-prova ta' l-indebitu tinkombi lil min jallegaha" (Ara f'dan is-sens App. Inf. Grech vs Arrigo noe deciza fit-28 ta' Frar, 1972).

Mhux talli hekk, talli mill-provi prodotti jirrizulta illi l-atturi kienu taw cekk fl-ammont ta' Lm2,840 lin-Nutar Hayman bl-intenzjoni specifika li dan ta' l-ahhar ihallas id-dejn li huma kellhom mal-Bank of Valletta plc, haga din li qatt ma saret. Mill-provi jirrizulta illi n-Nutar Hayman kien iggirra dan ic-cekk fl-ammont ta' Lm2,840 fuq il-kjamat in kawza u li dan mar issarfu fit-2 ta' Mejju, 2001. Il-kjamat in kawza kellu kull dritt li jsarraf dan ic-cekk bis-sahha ta' l-artikolu 262 tal-Kodici tal-Kummerc li jistipula illi "(1) Il-mandati jew cheques fuq bankiera jew kaxxiera ghandu jkun fihom id-data,

is-somma li ghandha tithallas, u jistghu jsiru li jithallsu lill-persuna msemmija bl-isem, jew ghall-ordni taghha, jew ghall-purtatur" u "(2) Huma jithallsu mal-prezentata taghhom". Ghalhekk il-Qorti, a bazi tal-provi u fatti li tressqu mill-partijiet, specjalment mill-konvenuti f'din il-kawza bl-ebda mod ma tista tghid li Mugliette ircieva xi haga li ma kienitx dovuta lilu, l-ghaliex huwa sarraf titolu li kien qieghed f'idejh bi dritt (Ara Cremona noe vs Zammit et deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri nhar it-3 ta' April, 1992). Kull ma jghid il-konvenut Hayman fix-xhieda tieghu tal-25 ta' Novembru, 2003 fil-konfront tal-kjamat in kawza Mugliette huwa li "dak mhux ghandu jiehu minghandna imma jiena ghandi niehu minghandu, u fil-fatt ftaht kawza diga". Dan fil-fehma tal-Qorti ma huwiex bizzejjed sabiex jigi ippruvat illi l-kjamat in kawza ha xi flus indebitament minghand l-atturi jew minghand l-awtur tal-konvenuti, u cioe minghand in-Nutar Hayman.

Dwar il-fatt li jsemmu l-atturi u cioe li l-ewwel il-kjamat in kawza kien ftiehem maghhom li kien ser jaghtihom dawn il-flus lura u imbaghad ftit wara huwa qallhom li kien lest li jaghtihom dawn il-flus lura bil-patt li l-eredi tan-Nutar Hayman jirrifondu lura lilu dawn il-flus il-Qorti hija tal-fehma li lanqas hawn ma kien hemm xi rabta bejn l-atturi u l-kjamat in kawza sabiex jigi radikat xi tip ta' dritt. Ir-rabta f'dan il-kaz kienet bejn il-konvenuti u l-kjamat in kawza u sta ghall-konvenuti sabiex jippruvaw li dawn il-flus ma kienux imissu lill-kjamat in kawza, haga li pero, kif diga inghad, huma ma irnexxielhom jaghmlu.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma illi huma l-konvenuti, bhala eredi tan-Nutar John Patrick Hayman li ghandhom jaghmlu tajjeb ghall-flus li kienu inghataw lill-istess Nutar Hayman bl-intenzjoni specifika li dan ihallas id-djun li l-atturi kellhom mal-Bank of Valletta p.lc.

Il-Qorti taqbel ukoll illi l-atturi sofrew danni konsistenti f'imghaxijiet li huma kienu imgieghla jhallsu lill-Bank of Valletta p.lc. minhabba li c-cekk li huma kienu taw lin-Nutar Hayman baqa qatt ma gie depozitat fil-kont taghhom, u ta' dawn id-danni, konsistenti f'dawn l-imghaxijiet ghandhom jaghmlu tajjeb l-istess konvenuti. Effettivament, il-Qorti ma tistax tikkwantifika dawn id-danni, l-ghaliex provi f'dan ir-rigward qatt ma tressqu mill-atturi, salv ghall-dak dikjarat fl-avviz meta dan gie ipprezentat u cioe li "sad-data tal-prezentata ta' dan l-att jammontaw ghal mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121)". Qatt ma gie prezentat xi prospett jew kopja ta'xi statement li bih il-Qorti tista tasal ghal cifra li hija tikkunsidra bhala danni.

GHALDAQSTANT il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi dan il-kaz billi:

i. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti;
ii. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-kjamat in kawza;
iii. Tilqa in parte l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat in kawza biss in kwantu hija konsistenti ma dak hawn deciz; u konsegwentement;
iv. Tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' elfejn tmien mija u erbghin liri Maltin (Lm2,840) oltre s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin (Lm121) bhala danni konsistenti f'imghaxijiet li l-istess atturi hallsu lill-Bank of Valletta p.l.c sad-data tal-prezentata ta' dan l-att u qieghed jigi rizervat lilhom id-dritt li jfittxu lill-istess konvenuti l-kumplament ta' l-imghaxijiet li huma setghu hallsu lill-istess Bank of Valletta p.l.c sad-data ta' meta l-ammont minnhom dovut gie estint.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.**"**

Appellaw minn din is-sentenza l-konvenuti biex talbu r-revoka taghha fil-konfront taghhom. B' dan l-appell taghhom huma jikkontendu illi ghat-talba ta' l-atturi kellu,

se mai, jwiegeb l-imsejjah fil-kawza. Dan ghas-segwenti motivi:-

(i) Kien l-istess kjamat in kawza li ghazel it-triq bit-tieni eccezzjoni tieghu li jiggustifika kif ic-*cheque* kien fil-pussess tieghu;

(ii) Kien huwa li accetta li jirrifondi lill-atturi l-ammont rapprezentat mic-*cheque.* Jikkonsegwi allura, skond l-appellanti, illi meta hu accetta li l-flejjes li kien inkassa ma kienux tieghu jigi li hu zammhom indebitament. Dejjem skond l-istess appellanti, b' dik l-accettazzjoni nholoq rapport ta' debitur-kreditur bejnu u l-atturi;

(iii) Ghalkemm ic-*cheque* gie girat fil-mument li ssarraf in-Nutar Hayman li ggirah kien decedut. F' dan il-kuntest jissottomettu illi allura dak l-istess *cheque* ma setax jissarraf ghaliex bil-mewt tal-giranti kollox jigi ffrizat u, allura, ic-*cheque* issarraf indebitament;

Il-fatti li taw lok ghall-kawza huma fis-semplicita` taghhom dawn. L-atturi bieghu *garage* proprjeta` taghhom lil terzi. Biex seta' jsir il-kuntratt relattiv, l-atturi, tramite il-ministeru tan-Nutar Hayman, ottenew *waiver* mill-Bank of Valletta in vista ta' *loan* li huma kellhom ma' dan il-Bank. L-atturi ghaddew lill-imsemmi Nutar is-somma reklamata fl-Avviz b' istruzzjonijiet specifici lil dan biex din is-somma tinghata lil Bank kontra l-*loan.* Ara Affidavit ta' l-attur a fol. 50. Dejjem fuq l-indikazzjoni ta' l-istess Nutar ic-*cheque* relattiv gie intestat f' isem l-istess Nutar billi dan assikurahom li l-flus kien ser jiddepozitahom fil-Client's Account u eventwalment ghall-iskont tal-*loan*. Gara li n-Nutar imsemmi ggira c-*cheque* lil kjamat in kawza, li ghadda biex inkassah wara l-mewt ta' l-istess Nutar;

Premessi dawn il-fatti, huwa bil-wisq evidenti minnhom, bl-ewwel osservazzjoni, illi n-Nutar Hayman ommetta li jadempixxi l-istruzzjonijiet lilu moghtija. Din l-ommissjoni hi derivanti minn dik il-mankanza ta' dik ic-certa attivita`,

ahjar imfissra fl-esposizzjoni tal-fatti, dwar liema l-imsemmi Nutar kellu l-obbligu guridiku li jattiva ruhu ghal fini li l-Bank mutwanti jircievi l-hlas tas-somma dovuta fuq il-*loan* mill-atturi. Tali mankanza, hekk valutata fuq l-istregwa tad-doveri inerenti ghall-izvolgiment ta’ dik l-attitvita`, iggib maghha r-responsabilita` ghad-danni. Dan anke fil-kaz ta’ professjonist in kwantu anke dan kien mistenni li jadegwa ruhu ghad-dover tad-diligenza skond il-mudell tal-*bonus paterfamilias*, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1132 (1) Kodici Civili. F’ dan il-kaz din ir-responsabilita` tieghu hi wahda kontrattwali li ghandha l-fonti taghha fil-kuntratt tal-mandat. Hu kien tenut li joqghod ghall-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-klijent, jespleta l-inkariku lilu affidat bid-diligenza ghar-rizultat volut minn dan u ma jaghmel xejn li johrog mil-limiti ta’ dawn l-istruzzjonijiet (Artikolu 1864, Kodici Civili), gjaladarba huwa ma nghatax ukoll dik is-setgha generali li jippreciza d-dispost ta’ l-Artikolu 1868 ta’ l-istess Kodici. Meta jinstab, kif hekk jirrizulta f’ dan il-kaz, illi kien hemm inadempiment ta’ dawn l-istess istruzzjonijiet, il-konsegwenza hi dik specifikata fl-Artikolu 1873 (1), Kodici Civili, ossija li l-mandatarju jwiegeb ghad-danni u mghaxijiet. Ragonevolment, kull ma kien mistenni li jigi pprovat mill-atturi kienet dik l-inadempjenza fin-Nutar inkarigat u n-ness ta’ kawzalita` bejn din l-istess inadempjenza u s-sitwazzjoni ekonomika negattiva ghalihom ghal fatt li huma kienu kostretti jissoktaw jaghmlu l-pagamenti mensili fuq il-*loan* u l-imghaxijiet fuq l-istess;

Stabbilit dan, bi preliminari ghall-istharrig ta’ l-aggravji sottomessi huwa opportun li jsiru dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Huwa inkontestat illi f’ xi zmien in-Nutar Hayman iggira c-*cheque* lill-kjamat fil-kawza. Fuq diskors l-attur Mark Sammut in kontro-ezami (fol. 95) dik l-gira saret ghaliex skond ma nfurmah l-imsejjah fil-kawza dan kellu jiehu dak l-ammont minghand in-Nutar;

(2) B’ dik il-gira l-imsejjah fil-kawza akkwista minghand il-possessur tac-*cheque* l-proprjeta` tieghu (Artikolu 136, Kodici tal-Kummerc). “*In sostanza il principale effetto della girata consiste nel trasferimento della legittimazione ad ezercitare il diritto portato dall’ assegno bancario*” (**Giulio Disegni,** “**Cambiali e assegni**”, G. Giappichelli Editore, Torino, Ed. 2005, pagna 192-194);

(3) Skond principji dottrinali konkordi d-dritt hekk akkwistat hu wiehed proprju u awtonomu u mhux derivat. Wisq naturali, ghal dan il-principju hemm l-eccezzjoni konsistenti fil-principju generali *fraus omnia corrumpit* li ried dejjem jigi pprovat. Dan anke billi jintwera illi l-giratarju kien jaf illi dak ic-*cheque* f’ idejn il-possessur kien hekk iddestinat ghal xi skop iehor;

Affermat dan, u linejarment ma’ l-istess osservazzjonijiet appena maghmula, huwa fatt illi la f’ dan il-kaz saret il-gira tac-*cheque*, il-kjamat in kawza ma kellu ghalfejn jipprova xejn dwar in-negozju sottostanti bejnu u n-Nutar ghal liema saret dik il-gira. Anke jekk il-fatti mhumiex identici ghal dawk tal-kaz prezenti, jghoddu, ghal certi aspetti fuq il-punt in diskussjoni l-veduti espressi fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tad-9 ta’ Marzu 2005 in re: “**Anthony Borg *et* -vs- Anthony Francis Willoughby *et***”, konfermata in sede Appell fil-31 ta’ Ottubru 2007. Dan ghaliex dik il-girata, u sakemm ma jigix provat mod iehor, hi prova tar-rapport negozjali u, allura, il-kjamat in kawza jibqa’ assistit b’ dik il-bwona fede, sottostrat ta’ l-istess rapport, li ta lok ghall-obbligazzjoni sodisfatta bil-girata. Kien jinkombi fuq il-konvenuti, eredi ta’ l-istess Nutar, li jiddemostraw, b’ mod inekwivoku u konklussiv, illi dik il-girata kienet finta jew xort’ ohra simulata jew frawdolenti. La dan ma sarx, l-appellanti ma jistghux jirrinfaccjaw lill-imsejjah fil-kawza ghal fatt li dan ma xehedx, anke jekk biex jinghad kollox, huma kellhom ukoll l-opportunita` li jsejhulu in subizzjoni;

Lanqas ma tista' din il-Qorti taccetta l-proposizzjoni illi bejn l-imsejjah fil-kawza u l-atturi nholoq speci ta' rapport u vinkolu gdid ghaliex ta' l-ewwel accetta li jirrifondi l-ammont. Ibda biex il-valutazzjoni tax-xhieda ta' l-attur moghtija in kontro-ezami ma tistax ma tittiehedx fil-kwadru ta' ezami unitarju u organiku tad-deposizzjoni shiha tieghu. Kompriz allura f' dan anke dak l-element probatorju fejn l-attur espressament isemmi wkoll illi l-kjamat in kawza kien ikkomunikalu illi ghall-iskop li ssir ir-rifuzjoni hu (l-attur) kellu jghaddilu dokument presumibilment sottoskritt minghand il-konvenuti li juri li l-ammont rapprezentat mic-*cheque* kien qed jigi rifuz lilhom ghax hu ghandu jiehu minghand in-Nutar. Fit-tieni lok tant ma jidherx li kien hemm din l-accettazzjoni kif allegat mill-appellanti, illi l-istess atturi ma ghaddewx biex jipproponu azzjoni ta' indebitu. Dan ifisser illi anke ghalihom diskors l-imsejjah fil-kawza ma setax ikun interpretat bhala xi accettazzjoni ta' xi obbligu restitutorju u, konsegwentement, ma kienx lanqas prevvist minnhom illi huma jirrivendikaw l-ammont minghand l-imsejjah fil-kawza ghax dan ma kienx hekk obbligat. Bejniethom ma kien hemm ebda *causa solvendi* li setghet tati lok ghall-azzjoni in ripetizzjoni. Azzjoni din hekk manifestament u guridikament, ta' indoli personali, cirkoskritta bejn is-*solvens* u l-*accipiens*. Dik prezenti pero` mhix artikolata f' din il-prospettiva imma bazata unikament fuq ir-rapport kontrattwali bejn l-atturi u n-Nutar Hayman u dik tar-responsabilita` oggettiva ghal mankanza tan-Nutar li jaghti effett lil mandat specifiku lilu affidat;

Finalment, u in bazi ghall-osservazzjonijiet superjorment maghmula in meritu ghall-girata tac-*cheque*, lanqas tista' tircievi adezjoni is-sottomissjoni tal-konvenuti appellanti illi avvenuta l-mewt tan-Nutar Hayman, il-kjamat in kawza ma setax jghaddi biex jinkassa c-*cheque*. La, kif osservat, dik il-girata tghaddi l-proprjeta` tac-*cheque* u la d-dritt akkwistat hu wiehed awtonomu u indipendenti mill-obbligazzjoni originarja ma kien hemm xejn x'izomm lill-imsejjah fil-kawza milli f' kull zmien tal-validita` negozjabbli ta' dak l-istess *cheque* huwa jghaddi ghall-inkass tieghu. Kif jinsab ritenut fil-kaz ta' kambjala girata (u l-istess

principju japplika ghal *cheque* girat), una volta l-girata taghmel proprjetarju lill-possessur tal-kambjala, "min jipposjediha legittimament jista' fl-iskadenza jitlob il-pagament taghha" ("**Avukat Dottor Giovanni Sammut *nomine* -vs- Ignazio Pecorella**", Appell Kummerc, 28 ta' Frar 1936). Biex ikun xort' ohra, ried jigi stabbilit, ad ezempju, illi dik il-girata saret soggetta "ghall-inkass" jew xi dikjarazzjoni ohra li turi ordni moghtija mill-giranti (Artikolu 142, Kapitolu 13). Dan ghaliex f' kaz bhal dan "*la girata 'per l'incasso' non trasferisce la proprietà della cambiale, ma solamente trasmette al giratario il mandato contenuto*" ("**Avv. Dr. Alberto Magri *nomine* -vs- Negte. Emmanuele Gauci *et***", Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Frar, 1932). Dan ma huwiex il-kaz hawnhekk. Ghallanqas ma giex ipprovat li hu hekk.

Ghal motivi kollha dedotti din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------